**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 18/IX/2026**

**L-Erbgħa, 25 ta' Frar, 2026 fil-17:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**18.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**18.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

18.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 17 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

18.3.3 Il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni rigward bozza li ma twaħlitx ma 'Madonna ta' Pinu' fi Triq Gedrin. Is-Sindku għandu jitkellem mas-sid sabiex jidentifika għaliex ma jridux li teħel din il-bozza mal-propjeta' tagħhom.

18.3.4 Il-membru Buttigieg qal li l-ġemellaġġ fi Spanja kulħadd qal li kien suċċess u tenna li l-Kunsill m'għandux jabbanduna l-ġemellaġġ ta' Nichelino. Qal li l-Kunsill għandu jistieden liż-żewġ rappreżentanti ta' dawn il-Bliet sabiex jiltaqgħu hawn. Is-Sindku qal li hekk għandu jkun u tenna li kien stieden lil ta' Nichelino sabiex ilaqqgħu l-Kunsill tar-Rabat mal-Belt Franċiża li huma ġemellati magħhom ukoll. Kien ser jinbeda skambju fuq logħob tal-basketball bejn it-tlett ibliet, pero' minn naħa ta' Nichelino qatt ma rrispondew. Fis-sajf kien iltaqa' wkoll mal-Viċi Sindku ta' Nichelino permezz ta' Paul Galea, pero' minn hemm qatt ma reġgħu bagħtu lura. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkompli bil-kuntatti mal-Comune ta' Nichelino.

18.3.5 Il-minuti ġew approvati.

**18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.4.1 Is-Sindku qal li x-xogħol li qed isir fil-latrini ta' Pjazza Indipendenza daqt jitlesta. Baqa jsir l-aluminju. Wara tinbeda ta' Triq Enriko Mizzi. L-ispejjeż huma kollha koperti mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jinvesti f'magni li jkunu jaħdmu bil-flus u tkun sistema li jkunu jistgħu jintużaw il-ħin kollu, anke' bil-lejl. Bil-flus li jinġabbru, il-Kunsill ikun jista' jħallas *cleaner* li jkun il-ħin kollu fil-latrina. Dan is-suġġeriment għandu jiġi diskuss meta tkun ser terġa toħroġ l-offerta tat-tindif tal-latrini.

18.4.2 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-qlugħ ta'parti minn Triq taħt Putirjal ser jitlesta s-Sibt li ġej u wara jinbeda x-xogħol fit-toroq Dun Pawl Micallef, San Ġwann Bosco u t-Telgħa ta' Majru u Triq Arċisqof Pietru Pace minn tal-Għonq sa Triq Ġorġ Borg Olivier. Dan ix-xgħol qed isir kollu minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

18.4.3 Is-Sindku tenna li qed jitranġa l-madum fi Pjazza Savina.

18.4.4 Fi Triq il-Wied ser issir it-trinka tal-ilma minn naħħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jingħata t-tarmak dritt wara.

18.4.5 Dwar il-proġett Interreg Italy-Malta (Canicattini Bagni), s-Sindku għarraf lill-membri li dan il-proġett kien jikkommetti finanzjament u ma setax imexxi mingħajr l-approvazzjni waqt laqgħa tal-Kunsill. Għaldaqstant kellu jiġi rtirat. Il-Kunsill xorta kiteb ittra ta'sapport lill-parteċipanti ta' dan il-proġett.

**18.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

18.5.1 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

(i) il-ħlas ta' €3,750 bħal parti mill-fond allokat fuq SPI/SCI/05/2025 – Skema Karnival 2026;

(ii) Każ 6/2026 – Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-membri qablu li d-Deputat għandha tibqa' l-Assistant Principal Georgine Tabone;

18.5.2 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali rigward:-

(i) Cir AKL 2026/10 - Bridges of Trust – laqgħa online – Solidarity Forum Ukraine – Malta;

(ii) Cir AKL 2026/14 – Prime Minister School – Inizjattiva ta' Tmexxija u Parteċipazzjoni Ċivika għat-Tfajliet;

(iii) Cir AKL 2026/13 – Risk Assessment għall-Avvenimenti Pubblici;

(iv) Cir AKL 2026/19 – ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean.

18.5.3 Reġjun Għawdex rigward:-

(i) it-titlu ta' *European Region of Gastronomy 2026*. Reġjun Għawdex ingħata t-titlu ta' European Region of Gastronomy għas-sena 2026. Is-Sindku qal li Reġjun Għawdex alloka €5,000 għal kull lokalita' sabiex torganizza attivita' li tkun relatata mal-gastronomija. Hu tenna li lmenta fir-rigward li l-lokalitajiet ħa jieħdu kollha l-istess ammont u ma ġiex ikkunsidrat id-daqs tal-lokalitajiet. Il-membri qablu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni u ssir attivita' f'Mejju, 2026 meta jkun hawn id-delegazzjoni minn Jerez de la Frontera.

(ii) il-proġett edukattiv Għawdex Tikka Tikka li fih il-Kunsill tar-Rabat hu parteċipi. Intbagħtet ittra ta' ringrazjament mingħand is-Seminarju Minuri li qed jikkordina dan il-proġett flimkien ma' Reġjun Għawdex;

18.5.4 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward:-

(i) Il-publikazzjoni tal-policy document fuq il-Partial Local Plan Review tal-Local Plans kurrenti li jiffoka fuq ir-responsabbilita' tal-kummerċjalizmu tal-faċilitajiet sportivi;

(ii) Appell 55/26 fuq PA/05750/24. Dan intbagħat lill-Perit;

(iii) Appell 34/26 fuq PA/01844/25. Dan intbagħat lill-Perit u l-Kunsill irreġistra interess. L-appell ser jinstema fl-10 ta' Marzu, 2026;

18.5.5 l-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Iskart minn Reġjun Għawdex rigward l-iskart u l-boroż li jitħallew mill-kenniesa tal-Kunsill. Il-kuntrattur irrisponda din il-korrispondenza u ta l-veduti tiegħu. Jirriżulta li qed jitħallew diversi boroż u kartun li jinħarġu illegalment;

18.5.6 il-KIP rigward ammont kbir ta' boroż suwed li jitħallew illegalment qrib litter bin li jinsab biswit il-ġnien tad-Dawwara fit Triq Kerċem. Dan il-bin hu tat-Taqsima tal-Indafa Pubblika u s-Sindku qal li ser jitneħħa darba għal dejjem biex titnaqqas din il-problema. Rigward dan is-sit saru wkoll diversi lmenti mal-ERA;

18.5.7 sid ta' għalqa fi Triq Patri Anton Debono fejn ilmentat rigward il-*hanger* fejn jiddendel l-iskart li saret quddiem il-ħajt tal-għalqa tagħħa. Il-*hanger* saret fuq art pubblika u mhux fil-privat;

18.5.8 is-Segretarja għall-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward it-tismija ta' Triq l-Avukat Michael Grech. Intbagħtu l-linji gwida sabiex tissemma triq għal persunaġġ;

18.5.9 il-Gozo Regional Development Authority (GRDA), rigward użu ta' faċilitajiet fir-Rabat relatati mal-Cohesion and Social Inclusion Programme. Il-Kunsill issuġġerixxa ċ-ċentri Rgħaj it-Tajjeb u ta' Kana u kif ukoll l-Oratorju Don Bosco;

18.5.10 persuna li qed tiġbor petizzjoni sabiex kull Kunsillier jiddikjara jekk jaqbilx jew le mal-prinċipju li jiġu addottati metodi ta' kontroll fuq il-ġamiem selvaġġ. Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li jiġu addottati metodi li jikkontrollaw it-tkattir ta' ħamiem selvaġġ;

18.5.11 Malta Crafts Foundation rigward il-European Crafts Days 2026 – Malta Edition;

18.5.11.1 TCTC rigward korsijiet tal-kompjuter fuq l-AI għat-tfal;

18.5.11.2 L-ERA rigward l-ERA Awards relatat mal-Green Public Leadership Award for Public Entities;

18.5.11.3 Gozo Action Group Foundation (GAGF) rigward proġetti li saru fis-sena 2025;

18.5.11.4 il-Kunsill Lokali ta' Kercem rigward tiswija tat-Triq f'Wied il-Lunzjata. Il-membri qablu li tissewwa t-triq;

18.5.11.5 l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-Youth Information Ambassadors.

18.5.11.6 l-Awtorita' tal-Artijiet rigward triq ġdida fi Triq l-Ewropa. Jirriżulta li din il-parti mhix imniżżla fir-rekords tal-Gvern;

18.5.11.7 l-Animal Welfare fi ħdan Eko-Għawdex fejn qed jiġi suġġerit li jsiru tlett cat houses qrib l-area tal-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex. L-Animal Welfare għandhom jiġu nfurmati li ser isir xogħol infrastrutturali fil-parkeġġ in kwistjoni u ftit metri l-bogħod hemm cat house fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

18.5.11.8 resident fejn ġibed l-attenzjoni rigward siġra li tinsab quddiem blokk B f'taċ-Ċawla H.E. Il-Kunsill talab il-parir ta' espert fis-siġar mir-Rural Gozo Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u dan qal li s-siġra hi b'saħħitha. Issuġġerixxa li titkabbar is-sodda tagħha;

18.5.11.9 iċ-Ċermen tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki (FMVA) fejn issuġġerixxa li ssir attivita' oħra ta' wiri ta' vetturi antiki fi Pjazza J. F. Kennedy fid-19 t'April, 2026. Il-membri qablu;

18.5.11.10 residenta fejn issuġġeriet li ssir bozza ġdida fi Triq Santa Dminka ma' arblu eżistenti. Il-membri qablu li jinbeda l-proċess;

18.5.11.11 l-Anti-Poverty Forum – Malta fejn talbu l-appoġġ tal-Kunsilli Lokali għad-dikjarazzjoni ta' Verdala dwar il-persuni mingħajr saqaf fuq rashom 2025. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

18.5.11.12 residenta fi Triq Wied Żejta fejn qed tgħid li m'hemmx aċċess għat-triq mill-propjeta' tagħha. Jirriżulta li min bena din il-propjeta' għadu ma għamilx aċċess għat-triq;

18.6 **Immaniġjar tat-Traffiku**

18.6.1 Il-membri qablu mal-proposta ta' Transport Malta (TM) biex isiru double yellow lines f'kantuniera fi Triq it-8 ta'Diċembru;

18.6.2 Il-membri qablu li jkun hemm lok għal un/laoding bay quddiem IZIBingo Hall li ser issir wara l-Aurora fi Triq l-10 ta' Ġunju;

TM ħarġet il-permess għall:-

18.6.3 parkeġġ riservat personalizzat quddiem 'Skippy' fi Triq Wistin Camilleri;

18.6.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 13, St. George, fi Triq Sir Arturo Mercieca;

18.6.5 one metre double yellow line fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx 'Tax-Xelina' fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

18.6.6 one metre double yellow line ma' garaxx fi Triq San Ġwann Bosco;

18.6.7 un/loading bay quddiem 'My Convenience' fi Triq Fortunato Mizzi.

18.6.8 TM ma ħarġitx permess għall-parkeġġ riservat personalizzat quddiem BLK H, Dr B, Flt 2, Triq Taċ-Ċawla.

**18.7 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2025**

18.7.1 L-*Accountant* ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spejga d-*draft* tal-*Financial Statements* għas-sena 2025.

18.7.2 Wara li saret l-ispjega tal-Accountant, is-Sindku qal li hu sodisfatt li l-ispejjeż tnaqqsu imma l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill żdiedu. Tenna li l-Kunsill irnexxielu jagħmel proġetti kapitali mingħajr ma joħroġ spejjeż minn ġew. Eżempju huma l-bdil tal-latrini ta' Pjazza Indipendenza u ta' Triq Enrico Mizzi, li xogħol kollu qed isir minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u toroq bħal Triq Antonio Mallia li saret kollha bit-tarmak minn naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma wara li għaddew trinka.

18.7.1 Wara li saru xi mistoqsijiet u dawn ġew spjegati, l-*Financial Statements* ġew approvati u dan skont dokument A anness. L-*Accountant* ġie irringrazzjat u dan ħareġ mill-laqgħa.

---

Il-membru Buttigieg ġie skużat u ħareġ mill-kamra.

---

**18.8 Estimi 2026**

18.8.1 Tressaq draft tal-baġit għas-sena 2026.

8.9.2 Is-Sindku qal li kiteb lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali sabiex jiġbed l-attenzjoni u jistaqsi għaliex ir-Rabat Għawdex ma jibbenefikax mill-fond tal-lokalitajiet turistiċi fejn kull persuna li żżur lil Għawdex żgur li ser tidħol ir-Rabat. Barra minn hekk ġibed ukoll l-attenzjoni li mill-Fond t'Aġġustament, bħala Belt, ir-Rabat jieħu il-minimu ta' €10,000 fis-sena.

8.9.3 Dan ġie diskuss u approvat skont dokument B anness.

**18.9 Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura**

18.9.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi fformulata l-istrateġija għar-Rabat li tkun timxi in tandem mal-istrateġija tal-Fondazzjoni Victoria 2031. Dan fuq parir ta' ARC li qed imexxu l-istrateġija tal-applikazzjoni tar-Rabat, bħala Belt Kulturali Ewropea 2031. Il-membri qablu u għandha tinħareġ sejħa għall-offerti.

18.9.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li Reġjun Għawdex ressaq u qabel fuq emenda fl-istatut tal-Fondazzjoni Victoria 2031. Din tinsab annessa f' dokument Ċ li nqara waqt din il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma din l-emenda.

**18.10 Jum il-Belt Victoria**

18.10.1 Is-Sindku qal li jixtieq jagħti opportunità lil Surmast li l-Kunsill Lokali qatt ma ingaġġaħ sabiex jieħu ħsieb il-kunċert ta' Jum il-Belt Victoria.

18.10.2 Il-membri qablu li għandu jiġi ngaġġat surmast li jkun ta' livell u jagħmel ġieħ lir-Rabat u li jkun Rabti.

**18.11 Ġemellaġġ – Jerez de la Frontera**

Is-Sindku qal li l-mawra tal-ġemellaġġ kienet suċċess u l-parteċipanti kollha wrew is-sodisfazzjoni tagħhom.

Tressqet korrispondenza relatata mall-ġemellaġġ mingħand iċ-Ċermen tal-Fundazzjoni Classique fejn ġie mistoqsi għaliex din il-fundazzjoni ma ġietx mistiedna sabiex tipparteċipa mal-NGOs l-oħra. Is-Sindku qal li tkellem mal-Mro Josef Debrincat peress li dan ikkuntatjah waqt li kien għadu Spanja. Hu skuża ruħu u spjegalu kif din il-fundazzjoni inqabżet mingħajr ebda' ħsieb ħażin. Tenna li d-darba li jmiss il-Fundazzjoni Classique tkun minn ta' quddiem.

Il-Viċi Sindku qal li kieku ġie kkonsultat l-NGO Directory ma kienux jinqabżu għaqdiet.

Is-Sindku qal li kull min mar Spanja jaħdem fil-volontarjat u kien hemm min ma setax u ġew rappreżentanti oħra minflok. Ma ġiex mistieden kulħadd minħabba l-limitu fin-numru tal-parteċipanti.

Il-Viċi Sindku qal li darb'oħra l-lista għandha tintbagħat lill-membri tal-Kunsill u jkun hemm delega tax-xogħol involut biex tieħu ammont ta' nies barra minn Malta.

Is-Sindku qal li hu u l-Assistant Principal damu fuq xahar jaħdmu fuq din il-mawra relatata mal-ġemelleġġ ta' Jerez de la Frontera. Is-sindku kompla li qatt ma rrifjuta għajnuna u kull min dehrlu i jrid jikkontribwixxi għamel dan mingħajr xkiel.

Tressqet korrispondenza oħra mingħand DCapitals Big Band, fejn ukoll staqsew għalfejn rappreżentanti minn din il-band ma ġewx mistiedna biex ikunu parteċipi fil-mawra tal-ġemellaġġ. Is-Sindku qara r-risposta li ntbagħetet fejn ukoll stedinhom sabiex jiltaqgħu miegħu u jispjegaw b'mod partikolaari s-sehem ta' din il-Band fil-volontarjat u l-kontribut li jagħtu lill-komunita' tar-Rabat.

Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx mal-mod ta' kif ġiet risposta din il-korrispondenza peress li fl-opinjoni tiegħu, DCapitals kitbu bi prudenza. Din kienet l-opinjoni tiegħu.

Is-Sindku qal li m'għandux bżonn opinjoni biex jara kif jirrispondi fuq xi ħaġa minbgħuita lilu personali.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni kif mill-Fondazzjoni il-Ħaġar ġiet imressqa persuna u li għax ma kelliex il-karta tal-identita' fuq ir-Rabat, ma tħallietx tirrappreżenta l-fundazzjoni mal-bqija tal-grupp. Tenna li fil-grupp kien hemm tlett persuni oħra li ma kellhomx il-karta tal-identita' fuq ir-Rabat fosthom l-Arċipriet tal-Katidral u rapreżentanta tal-Victoria Scout Group.

Is-Sindku qal li l-Arċipriet tal-Katidral ġie mistieden bħala l-Arċipriet kif kien ukoll mistieden l-Arċipriet ta' San Ġorġ u li minħabba raġunijiet ta' tberik, ma setax jattendi. Is-Sindku kompla li ċempel hu personalment lill-Arċipriet tal-Katidral meta nduna li l-persuna li kienet ser tirrappreżenta l-Parroċċa tal-Katidral ma kinitx mir-Rabat.

Is-Sindku tenna li minn naħa ta' Jerez imiss li jiġu grupp ta' 25 persuna f'Mejju li ġej sabiex isiru s-seminars u jingħalaq il-proġett li l-Ateneo di Jerez għandu fondi Ewropej apposta.

Is-Sindku qal ukoll li permezz ta' dan il-ġemellaġġ, il-Kunsill jista' jipparteċipa fil-proġett tal-Erasmus – Digitour AI – Empowering Adult Learners for the Digital Transition of Tourism through Applied AI and Soft Skills. Il-membri qablu u filfatt ingħataw id-dettalji mitluba s'issa. L-Assoċjazzjoni Ateneo de Jerez huma wkoll parteċipi.

Tressqet ittra mingħand Gaulitanus Choir fejn irringrazjaw lill-Kunsill li tal-opportunita li dan il-kor ikun rapreżentat f'Jerez.

Minn naħa tal-Ambaxxata ta' Malta fi Spanja hemm interess kbir sabiex jinbdew kuntatti wkoll ma' Toledo, li wkoll applikat għal-Belt Kulturali Ewropea 2031. Diġa saret laqgħa online u nbeda kuntatt u finalment ikun hemm skambji. L-istess sar ma' Las Palmas fejn is-Sindku kien attenda laqgħat mad-Direttur Artistiku, tal-applikazzjoni ECOC 2031, Austin Camillieri.

**18.12 Data – Laqgħa tal-Lokalita'**

18.12.1 Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' li jmiss issir fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 8 t'April 2026, fis-18:00.

**18.13 *Playing Field***

18.13.1 Is-Sindku qal li ġew finalizzati l-istimi kollha u dawn ġew preżentati lil-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Fl-istimi ġew imdaħħla wkoll ix-xogħol ta' tarmak ġdid għat-toroq li jdawru l-*playing field*. Qed issir laqgħa kull xahar mas-Segretarju Permanenti sabiex jitmexxa l-proġett.

18.12.2 Inġibdet l-attenzjoni rigward il-*fencing* li hemm n-naħa ta' fuq tal-*playing field* u li jinsab fi Triq Taħt Putirjal. Dan qed jagħti dehra ta' telqa peress li hu ikrah. Is-Sindku qal li dan għandu jsir mal-proġett tal-*playing field*.

18.12.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li r-residenti għandhom jiġu nfurmati b'dan permezz ta' post fuq il-medja soċjali tal-Kunsill.

**18.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

18.14.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Frar 2026, skont dokument D anness.

**18.15 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

18.15.1 tingħata l-offerta (VLC/01/2026) għar-restawr ta' statwi antiki lill-Rudolph Cauchi. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-Bord t'Aġġudikazzjoni. Il-fondi għal dan il-proġett huma miġjuba mill-iskema għar-restawr ta' postijiet antiki tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar;

18.15.2 tinxtara pittura ta' Rachel Galea li tiswa €450 bil-frame b'kollox. Il-pittura hi xena tal-pjanura tar-Rabat;

18.15.3 jinbidel l-arblu li hemm fuq il-Banca Giuratale peress li dak eżistenti ġarrab il-ħsarat. Il-Perit għandu jara rigward il-permessi neċessarji;

18.15.4 il-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-Aurora International Folk Festival 2026,

18.15.5 il-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-festival Gaulitana li ser isir bejn Marzu u April, 2026;

18.15.6 fil-11 t'April, 2026, jorganizza serata folk bl-isem 'Rumanz' u bil-kollaborazzjoni ta' Ogygia Folk Group fl-Oratorju Don Bosco. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300;

18.15.7 jorganizza attivita' ta' żfin u mużika live fl-area tal-Kapuċċini bil-kollaborazzjoni ta' Body Art Dance Group nhar is-17 t'April 2026. M'ghandiex tinqabeż is-somma ta' elf ewro;

18.15.8 tinħareġ l-offerta għas-servizz tal-ġbir tal-iskart goff;

18.15.9 tiġi organizzata Infiorata fit-Telgħa tal-Belt bejn it-23 u l-25 ta' Mejju, 2026, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

18.15.10 jorganizza kunċert mużikali flimkien mal-JP2 Foundation fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300.

---

Waqt din il-laqgħa ġie mistieden l-Arċipriet il-ġdid tal-Katidral, Mons. Emanuel Saliba għal laqgħa mal-membri tal-Kunsill. L-Arċipriet ressaq u qara ittra tiegħu fejn semma ż-żjara f'Jerez de la Frontera, li għadu kif għamel mal-Kunsill flimkien ma' volontarji oħra mill-Katidral. Hu semma s-sens ċiviku li ntwera waqt din il-mawra.

---

**18.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-20:00 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 10 t'April, 2026.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |